**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 26 ta' Settembru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**Vs**
**BRENDA MALLIA**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Brenda Mallia** detentrici tal-Karta tal-Identita' 227670M, u akkuzata talli:

1. Ikkomettiet serq ta' kartiera liema serq huwa aggravat bil-'Valur' liema ammont meta l-haga ,misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin-il centezmu (232.94), u aggravat bil-'Vjolenza' meta ikagunat ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Richards skond kif ccertifikat mit-tabib Stephany Azzopardi MD. 3369. Bi ksur tal-artikoli 261(a),(c), 252(1), (a), u 267 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzata talli bejn il-lejl ta' 18 u 19 ta' Lulju, 2019 ghal habta ta' 3:00hrs minn gewwa numru 230, Triq Sammt, Rahal Gdid :

2. Ikkomettiet serq ta' pouch liema serq huwa aggravate bil-'Valur' liema ammont meta l-haga ,misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin-il

centezmu (232.94), u aggravat bil-'Hin' ghad-dannu ta' David Annandale. Bi ksur tal-artikoli 261(c), (f), 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzata talli fit-12 ta' Gunju, 2019 ghal habta ta' 17:30hrs minn gewwa numru 20, Triq Schreiber, Rahal Gdid :

3. Ikkommettiet serq semplici li jammonta ghal 120 Euro ghad-dannu ta' Carmel Farrugia, bi ksur tal-artikoli 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Art. 284, Kap 9.

Akkuzata talli fit-3 t' Awwissu, 2019 ghal habta ta' 20:30 minn gewwa Pjazza Antonie De Paule Rahal Gdid :

4. Ikkommettiet serq ta' deheb liema serq huwa agravat bil-'Valur' liema ammont meta l-haga ,misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin-il centezmu (232.94), u aggravat bil-'Hin' ghad-dannu ta' Peter Farrugia. Bi ksur tal-artikoli 261(c),(f), 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzata talli bejn il-jiem ta' 2 t' Awwissu, 2019 ghal-habta ta' 6:45hrs minn gewwa Triq Haz-Zabbar, Fgura :

5. Ikkommettiet serq semplicita' mobile cellulari ta' ditta Samsung li jammonta ghal 50 euro ghad-dannu ta' David John Refalo, bi ksur taql-artikoli 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Qorti hija finalment gentilment mitluba li f' kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imsemmija Brenda Mallia sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offizai kull haga minnu misruqa jew li hi kienet xjentement laqat' ghandha b' ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 15A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li titratta mal-imputata bhala recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru defenitivi.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali esebit u mmarkat bhala dok “PC1”;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza tal-lum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tal-lum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet ukoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tal-imputata. Ghall-finijiet tal-piena u/jew sanzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputata. Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa in-natura serja tal-imputazzjonijiet. Qed tigi meqjusa serjament il-fedina penali ta’ l-imputata li hija wahda xejn felici.

Il-Qorti qieset wkoll dak ivverbalizzat mill-Prosekuzzjoni u d-difiza fl-udjenza tal-lum stess u cioe’, fejn huma infurmaw lill-Qorti illi bis-sahha ta' l-opportunita' li taghti l-Ligi stess, huma flimkien ghamlu analizi tar-rizultanzi ta' l-investigazzjoni shieha tal-pulizija u fil-kuntest ta' dan, wara li qiesu sew l-Artikoli tal-Ligi ghall-dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet f'dan il-kaz, huma waslu ghal umili konkluzzjoni illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata, l-aktar piena indikata ghal dan il-kaz hija dik ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' 30 xahar.

**Decide;**

Ghal-mottivi premessi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputata **Brenda Mallia**, fuq

ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' tletin (30) xahar prigunerija.

Wara li qieset il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Awwissu 2019 u s-sottomissjonijiet orali li saru fl-udjenza tal-lum stess, il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex iqis lill-hatja Brenda Mallia bhala persuna li ghandha l-problema tal-konsum tad-droga u konsegwentament, fil-paramenti tar-regolamenti applikabbli, hija tinghata l-ghajnuna mehtiega f'dan ir-rigward.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur